MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2007

Numru 632/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY CASSAR**

**VS**

**ROBERT VIACAVA**
**KEITH ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Robert Viacava, ta' 21 sena, bin Anthony u Silvia nee' Cutajar, imwieled Tal-Pieta', nhar it-8 ta' Dicembru, 1983, residenti fil-fond imsejjah St Mary, Wesgha Reggie Miller, Fgura, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 45884 (M);
U Keith Zammit, ta' 20 sena, bin Carmel u Carmen nee' Grech, imwieled Tal-Pieta' nhar it-2 ta' Ottubru, 1984, residenti fil-fond numru 1, Belveder, Triq Carmelo Penza,

ix-Xghajra, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 478184(M);

Akkuzati talli fl-Irnella (Rinella), limit ital-Kalkara, fil-lejl ta' bejn l-ghoxrin u l-wiehed u ghoxrin ta' Lulju, 2005, fis-sieghat ta' fil-ghodu, kif ukoll minn Paceville, u San Giljan, matul dawn l-ahhar tlitt ijiem, flimkien ma' zewg persuni ohra li ghadhom mhux maghrufa:

1. Ikkommettew serq ta' vettura tal-ghamla Peugeot 206 bin-numru tar registrazzjoni AAP 224, li l-ammont taghha jeccedi t-tliet elef lira maltin (Lm3,000.00), ghad-dannu ta' Anthony Ferris minn Tas-Sliema, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-persuna, hin, u lok;

2. U aktar talli kkommettew serq ta' car stereo, tal-ghamla Clarion, kif ukoll hames speakers tal-ghamla Bold and Magnet, u amplifier tal-ghamla Alpine, li l-ammont taghhom jeccedi l-hames mitt lira maltin (Lm500.00) ghad-dannu tal-istess Anthony Ferris minn Tas-Sliema, liema serq hu wkoll ikkwalifikat bil-valur, bil-persuna, bil-hin u bil-lok;

3. U aktar talli volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta taw in-nar lill-istess vettura, u cioe' Peugeot 206 bin-numru tar-registrazzjoni AAP 224, u rrendewha bhala total loss u dan ghad-dannu tal-istess Anthony Ferris, liema hsara teccedi l-hames mitt lira maltin (Lm500.00);

4. U kif ukoll talli ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' persuni li kienu inkarigati minn servizz pubbliku, u ma hallewhomx, kif ukoll fixkluhom waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom.

**Lil Keith Zammit biss talli:**

5. Bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' li jaghmel ferita gravi fuq PC 85 Cyril Butters, PC 384 G Genovese, u PC 1580 J Paris – ilkoll mill-Ghassa ta' Bormla, wera dan il-hsieb b'atti esterni, u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-

delitt meta saq il-vettura tas-servizz GVP 446, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu;

6. U aktar talli saq il-vettura tal-ghamla Mazda 626, bin-numru tar-registrazzjoni EAQ 048 b’manjiera perikoluza;

7. U kif ukoll talli saq l-istess vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAQ 048 b’manjiera traskurata u bla kont.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li **fil-konfront ta’ Robert Viacava** rat l-Artikoli 261(c)(d)(e)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 268, 269, 270, 249(b), 280, 281, 325(a), 338(ee), 17(c), 20, 23, u 533 tal-Kodici Kriminali;
Fil-waqt li **fil-konfront ta’ Keith Zammit** rat l-Artikoli 261(c)(d)(e)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 268, 269, 270, 249(b), 280, 281, 325(a), 338(ee), 17(c), 20, 23, u 533 tal-Kodici Kriminali;
U kif ukoll l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija imputati **Robert Viacava u Keith Zammit** hatja tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) akkuzi migjuba kontriehom, u ghalhekk tordna li jitqieghdu taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tlitt (3) snin, ai temini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Izda ma ssibhomx hati tar-raba’ (4) akkuza migjuba kontriehom, u ghaldaqstant tilliberahom minnha.

Fil-waqt li fil-konfront ta’ **Keith Zammit wahdu**, din il-Qorti mhux qiegheda ssibu hati tal-hames (5) akkuza migjuba kontrieh, u ghaldaqstant tilliberah minnha;

Izda qiegheda ssibu hati tas-sitt (6), u s-seba' (7) akkuza migjuba kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal hlas ta' multa fl-ammont ta' Lm100.00 (mitt lira maltin), u tordna l-iskwlifika tal-licenzja tas-sewqan tal-istess Keith Zammit ghal zmien sitt (6) xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------